**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (35)



L-ekwipagg tad-dgħajsa tal-Midalji tal-Isla 'Portu Salvu' - Charles Abela, Louis Mallia, Ganni Ghiller (missier Charlie ) u Wenzu Schembri wara r-rebħa tal-palju, fl-1953

Ġimagħtejn ilu, bdejna nisiltu siltiet mill-intervista li jien għamilt lil Charlie Ghiller fuq Radju Kottoner snin ilu.

Illum se nkomplu b'din l-intervista interessanti li għandha tinteressa mhux biss lid-dilettanti Sengleani iżda wkoll lil dawk Beltin. Meta staqsejtu jekk qattx ġie skwalifikat fir-Regatta, ħares lejja u minn taħt l-ilsien qalli:

" Iva ... kelli tiġrija akkanita ma' Fredu l-Bouvett u Indri (id-Daqni) li kien jaqdef mal-Kalkara u wara mar ma' Bormla

"Jien kont polza numru 2 u Bormla kienet polza 11. Hemm ir-ritratti xheida - quddiem il-baga numru 8 li kienet quddiem it-tabella tal-Ford.

"Insomma, issa għadda kollox ... minn polza numru 2 jien spiċċajt polza 3, waqt li Bormla minn polza numru 11 spiċċaw fuqna ... lilna skwalifikawna, iżda kulħadd jaf x'ġara.

"Jien attakkajthom jew huma attakkawni ... tinsiex minn polża 11 ġew fuqna .Is-sena ta' wara erġajna morna u għaddejna xalata ... ġerrejna mhux b'dgħajsa tat-tiġrija bħal tagħhom iżda dgħajsa barkun.

"Jien mort mal-Belt, meta kieku ried stajt mort ma' Bormla jew mal-Birgu. Meta mort mal-Belt, kulħadd jaf id-differenza - id-dgħajjes kienu kenuri fejn tal-Isla.

"Id-dgħajsa ta' bi Tnejn, mat-tluq ħriegna fuq quddiem u ħadd ma seta' jgħaddina. Ta' b'waħdi (b'qaddief wieħed), id-differenza fil-ħin kienet tkun biss ta' 20 sekonda aktar mid-dgħajsa ta' Bi Tnejn?

"Mit-80 'il hawn - 26 sena ilu, kulma tlajt fid-dgħajjes tal-Birgu, tlajt biex ngħin xi qaddief – il-Birgu għandhom dgħajjes tajbin ħafna. Bormla għandhom sett tajjeb ħafna wkoll u anke l-Marsa – xogħol ta' Ġużeppi Bengala - bellezza!

"Illum l-Isla wkoll għandhom sett tajjeb ... importanti li d-dgħajjes ikunu tajbin biex tintrebaħ ix-Shield ... aħna (l-Isla) biex nirbħu x-Shield, konna nibbażaw fuq l-opri ż-żgħar... niftakar li fl-1966, aħna konna rbaħna x-Shield b-żewġ paljijiet żgħar – niftakar fl-aħwa Boldarini, li kienu żewġ qaddiefa ta' klassi, u bil-paljijet tat-tieni u t-tielet post fl-opri l-kbar ... "

*Fid-dgħajjes ta' bi tnejn, int kont meqjus bħala wieħed mill-aħjar qaddiefa ta' żmienek. wieħed mill-qaddiefa leġġendarji f'din il-kategorija kien Toni Ellul (il-Koj) ... ħafna huma tal-fehma li meta int kont tibża' minnu, u għalhekk tnaqqas ħafna mill-entużjażmu tiegħek waqt ir-Regatta ... veru?*

"Le m'hu veru xejn. Lil Toni l-Koj għaddejtu wkoll diversi drabi, iżda ovvjament huwa għaddieni aktar milli għaddejtu jien.

"Bla dubju ta' xejn il-Koj kien qaddief prim, iżda meta għaddejtu jien kien fl-aqwa tiegħu. Dak iż-żmien jien kont naqdef bilqiegħda (kont il-ħmar tad-dgħajsa għax hekk kienu jsejħulu l-irmiġġier il-barklori).

"Bir-rispett kollu lejn dak iż-żmien, kien hemm intriċċi ta' xi ħaġa oħra.

"Meta fl-1966 dħalna t-tieni, it-tort waqa' fuqi... bdew jgħidu li jien kont kilt l-għaġin - m'hu veru xejn, u li rrimettejt - mhu veru xejn lanqas ... iżda jista' jkun li kien hemm xi rigal fin-nofs.

"Kif għedtlek, Toni l-Koj kien qaddief tajjeb u kien jirrispetta ħafna lil sieħbu ... barra hekk, huwa kien jaqdef fuq iż-żewġ naħat - għalhekk Toni kien meqjus bħala wieħed mill-kbar ... l-anqas fiż-żmien Pietru t-Tinet u Karmnu tal-Posta ... jien ma niftakarhomx ... dawk kienu tajbin ħafna għax sal-lum għadhom issemmuhom, minkejja li dawn kienu qaddiefa ta' qabel il-gwerra ... dak iż-żmien l-ebda qaddief ma kien jarma fuq iż-żewġ naħat bħal Koj ..."

*Inti taf li wħud mill-qaddiefa, sena tarahom ma' distrett u s-sena ta' wara tarahom ma' distrett ieħor ... inti taqbel li l-qaddiefa għandhom ikunu mill-lokal ?*

"Inti taf daqsi li llum għandna ħafna sports, bħal football u waterpolo li fihom jieħdu sehem il-barranin, iżda ma tistax iddaħħal aktar minn tnejn jew tliet barranin.

"Illum impossibbli tgħid li kull qaddief għandu bil-fors jaqdef ma' pajjizu. Kulħadd jaf li t-taħriġ huwa iebes ħafna, u llum f'kull sport, kemm jekk hu football jew waterpolo, il-players jieħdu xi ħaġa, allura kif tippretendi li qaddief ma jieħu xejn.

"Illum il-qaddiefa li jirbħu palju jakkwistaw xi ħaġa, din tagħmlilhom kuraġġ biex jissieltu għall-palju, u b'hekk ir-Regatta ssir aktar sabiħa u akkanita.

"Għalhekk illum, ma tagħtix tort lill-ebda qaddief tajjeb li jfittixlek distrett ieħor li lesti jagħtuhom dawn l-affarijiet, jekk id-distrett tiegħu ma jkollux introjtu minn xi sponser b'saħħtu.

"Illum hawn nuqqas ta' qaddiefa u jien naħseb li jista' jsir xi ħaġa biex tissolva din il-problema, billi dawk id-distertti b'nuqqas ta' qaddiefa jingħataw iċ-ċans ta' żewġ qaddiefa barranin (jiġifieri mhux reġistrati magħhom) għar-Regatta . B'żewġ qaddiefa ssaħħaħ żewġ dgħajjes!

*Marsamxett darba tilfet ix-Shield bi sfortuna .... tiftakar għaliex?*

"Jekk m'iniex sejjer żball fl-1977 meta konna ħadna l-ewwel b'ta' Bi Tnejn, it-tieni fil-Frejgatini, it-tielet f'tal-Midalji, Charlie ta' Casan kien ħa l-ewwel fil-Kajjiki iżda ġie skwalifikat, għax kien qabeż fil-baħar qabel ma daħal, u mhux għax kien għadda minn quddiem il-Kajjikk tal-Marsa.

"F'dik is-sena biż-żewġ Kajjikki konna nirbħu x-Shield, għaliex ta' bl-Erbgħa kienet sfrattat - ma mar ħadd.

"Kienu se jaqdfu Charlie, ħuh Censu ...konna morna aħna, armajna d-dgħajsa dak il-ħin, konna tliet aħwa, jien Victor u Sammy u Koro. Konna dħalna it-tieni iżda ma kienx biżżejjed

"Riċenti Marsamxett kienet favorita li se tirbaħ ix-Shield żgur meta magħhom kien hemm Mario Azzopardi (is-Sufu).

"Din is-sena Marsamxett huma armati tajjeb, iżda Bormla u l-Birgu armati wkol.

"Jien nixtieq li l-Isla tirbaħ għax hija l-lokalitá tiegħi, iżda nixtieq ukoll li Marsamxett jirbħuha, għax qatt ma rebħuha – l-Isla, Bormla, Marsa u l-Birgu rebħuha, iżda Marsamxett s'issa ma rnexxielhomx ....

*(ikompli f'ħarġa oħra)*